# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 1123

Kaz Nru. 1419

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Omar Granata

u

Sliema Fort Company ma'
TGI Friday's

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 13 ta' Gunju, 2000

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

It-Tribunal,

Ra d-dikjarazzjoni tal-kaz tal-kumpanija ntimata fejn issottomettiet li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet gustifikata u dan ghal diversi ragunijiet specifikament elenkati fl-istess dikjarazzjoni; wahda minn dawn ir-ragunijiet kienet li l-appellant kien ghadu "*on probation*".

Peress li "*probation*" ma taqax fil-kompetenza tat-Tribunal instemghu il-provi fuq tali "*probation*" biex jigi stabbilit jekk kienx ghadu fuq "*probation*".

Irrizulta li l-appellant kien gie mpjegat bhala Assistant Duty Manager b'kuntratt ta' mpjieg, iffirmat miz-zewg partijiet. Fl-ewwel paragrafu tieghu dan jghid li l-impjieg kien indefinit izda b'perijodu ta' "*probation*" ta' tlett xhur u jkompli jghid "*Following this period, an assessment will be carried out by the General Manager and Director of Operations to determine whether to promote the employee to a fully fledged managerial position with the respective remuneration package*".

Il-perijodu ta' "*probation*" spicca fit-30 t'April, 1999 u fil-fatt mill-1 ta' Mejju, 1999 l-appellant beda d-doveri ta' Manager u beda jithallas bir-rata gdida li kienet oghla b'Lm100 fix-xahar izda l-ittra ta' notifika, li harget fit-18 ta' Gunju, 1999, b'effett mill-1 ta' Mejju, 1999 intbaghtet bil-posta u minkejja li kienet indirizzata tajjeb, l-appellant jghid li ma rcevihiex.

Tajjeb hawn li jinghad li normalment promozzjoni mportanti ta' impjegat iggib maghha perijodu gdid ta' *probation.*

Fil-kaz in ezami pero' t-Tribunal innota li

(1) fil-kuntratt originali kien gie stipulat li wara t-tlett xhur *probation* il-kumpanija kellha taghmel *assessment* biex tara jekk taghtihx *promotion* ghal Manager izda fil-fatt l-*assessment* sar waqt il-*probation* u l-promozzjoni saret mill-ghada; u

(2) il-kumpanija kellha kuntratt ta' xoghol li kien jigi ffirmat miz-zewg partijiet; kellha iehor, almenu sa minn Ottubru, 1998, ghal min jigi mpjegat bhala Manager izda fil-kaz in ezami flok sar kuntratt kif kien sar ma' Managers ohra, saret ittra li l-anqas ma kellha almenu

il-firma tal-individwu koncernat biex jikkonferma l-accettazzjoni tieghu.

Ghaldaqstant it-tezi ta' "*probation*" mhux accettabbli u l-kaz jibqa differit **ghat-Tlieta 18 ta' Lulju, 2000 fil-11.00a.m.** ghall-provi tal-Kumpanija.

-----------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

-----------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

mrg